# L-Istatwi tal-Konfraternitajiet ta' San Ġużepp u l-Anġlu Kustodju fil-Knisja tal-Karmnu, tal-Belt

**Amanda Ann Vella**

*B.A. (Hons.) History of Art*

### Introduzzjoni

Fil-Knisja l-qadima tal-Karmnu[1] wieħed kien issib numru ta' kappelli, fosthom żewġ kappelluni: wieħed iddedikat lil San Ġużepp waqt li l-ieħor iddedikat lil Santa Anjeże jew kif ukoll kien magħruf bħala l-Kappellun tal-Kurċifiss.

### Il-Konfraternità u l-istatwi ta' San Ġużepp

Il-Kappellun ta' San Ġużepp kien jaqa' taħt il-patrimonju tal-famija Polladi: Francesca, Leonora u Petrisica Polladi.[2] Fil-25 ta' Novembru tas-sena 1631, naraw li l-Karmelitani Beltin kellhom ix-xewqa li jwaqqfu konfraternità b'San Ġuzepp bħala l-patrun protettur tagħha. Din ix-xewqa saret realtà u fil-fatt insibu li fid-9 ta' Jannar 1632 twaqfet din il-konfraternità. Fil-bidu, il-membri tal-konfraternità kienu jiltaqgħu fil-kuritur, li dak iż-żmien kien jmiss mal-bieb tal-kunvent u li kien jagħti ġo Triq il-Punent, imbagħad fl-1841 nsibu li l-membri ta' din l-għaqda kellhom iċedu l-oratorju biex jingħatalhom nofs il-kuritur li kien jagħti ġo Triq it-Teatru.



L-ewwel statwa tal-Konfraternità ta' San Ġużepp tal-Belt Valletta.

Il-Fratellanza ta' San Ġużepp kellha żewġ statwi tal-qaddis patrun tagħha. It-tieni statwa ġiet ikkummissjonata wara li l-ewwel statwa[3] kienet mibjugħa lill-Fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat. Illum il-ġurnata din l-ewwel statwa tinsab fis-sagristija tal-Knisja ta' Santa Maria ta' Ġesù Ta' Ġieżu fir-Rabat.

L-ewwel statwa ta' San Ġużepp tmur lura għas-seklu sbatax minn skultur mhux magħruf. Din il-biċċa xogħol artistika ġiet mibjugħa għall-prezz ta' 1700 skud[4]. Ta' min isemmi dan il-bejgħ sar meta l-Fratellanza kellha bħala prokuraturi lil Gio Batta Chircop u Domenico Dingli[5].




Plakka maġenb din l-istatwa li tfakkar li din ġiet mogħtija mill-Konfraternità ta' San Ġużepp, imwaqqfa fil-Knisja tal-Karmnu l-Belt.

L-istatwa turi l-figura maskili ta' San Ġużepp qed jerfa' lil Ġesù Kristu. Għalkemm il-parti t'isfel tal-ġisem ta' San Ġuzepp hija mmudellata sew, għonqu huwa mmudellat inklinat għall-ġenb u f'pożizzjoni ferm skomda. Mill-banda l-oħra, il-figura ta' Kristu, hija mmudellata b'id mtellgħa 'l fuq waqt li jiġġestikula b'sens ta' barka. B'id l-oħra hija miftuħa u serraħ fuq sider San Ġużepp. San Ġużepp jidher jżomm, bejnu u bejn idu, bastun twil tal-injam bil-warda tal-Ġilju li hija simbolu li tirrappreżenta lill-qaddis.

It-tieni istatwa ta' San Ġużepp hija xogħol fl-injam, maħduma minn Ignazio Portelli fil-1694. Għal din l-opra artistika huwa kien imħallas 60 skud. L-injam tal-istatwa kien donat minn ċertu Salvo Bartolo waqt li Nazio Stornello ħallas skud mill-ispiża totali tal-injam. Il-flus li bihom tħallset l-istatwa nġabru minn xi nies devoti kif ukoll minn xi Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann u l-Marixxal Gori. Sena wara li saret l-istatwa, insibu li ġiet sgraffjata minn Marozz Barmon.[6]

Il-figuri ta' San Ġużepp u Kristu huma maħluqa fil-pożizzjoni ta' mixi. San Ġużepp jidher jżomm l-id ċkejkna ta' Kristu waqt li f'driegħu l-oħra jidher iżomm bastun tal-fidda. Kristu huwa skulturat wieqaf dritt b'id waħda merfugħa 'il fuq waqt li jbierek il-folla li tinġemma quddiemu.

Il-kuntrast li joħloq l-iskultur huwa wieħed sottili li joħloq sens ta' moviment biex jagħmel l-istatwa aktar realistika. Dan jkompli jidher ċar bl-eżukazzjoni ta' wiċċ San Ġużepp. Wiċċu jaqra l-kuntentizza u l-imħabba ta' missier lejn ibnu. L-iskultur jkompli jagħti dehra umana billi jxammar il-kmiem tal-libsa tiegħu. Il-bravura tal-iskultur tidher fil-panneġġjar tat-tunika kemm ta' San Ġużepp kif ukoll ta' Kristu. Is-sens ta' naturalizzmu hija saħansitra aktar enfasizzata fil-vini minfuħin fl-idejn il-qaddis protettur tal-Konfraternità. Wiċċ ta' Kristu, ukoll jarmi l-kuntentizza u s-sigurtà għax jaf li hu protett minn missieru.

Fis-sena 1952, din it-tieni statwa ta' San Ġużepp kienet tinsab f'niċċa fil-Knisja, sewwa sew faċċata tan-niċċa li fiha kienet tinżamm l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu. Fatt



L-istatwa preżenti ta' San Ġużepp xogħol sabiħ fl-injam ta' Ignazio Portell.



Il-Bambin qiegħed izomm idejn San Ġużepp, sinjal ta' sigurtà u fiduċja f'San Ġużepp il-Missier Putattiv.



Dettall li juri s-sbuħija tal-panneġġar f'din l-istatwa kif ukoll l-induratura sabiħa li fiha.



L-istatwa tal-Anġlu Kustodju, fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, tal-Belt, xogħol mill-isbaħ fl-injam ta' Francesco Dimech.

interessanti huwa li l-istatwa ta' San Ġużepp mhux minn dejjem kienet tokkupa postha fil-Knisja. Skont riċerka arkivjali tirriżulta li sas-sena 1933[7], fin-niċċa ta' San Ġużepp kienet tinżamm l-istatwa tal-Anġlu Kustodju. Dan nafuh għax fit-2 t'Ottubru tas-sena 1933, il-fratellanza ta' San Ġużepp talbet lill-Komunità Karmelitana biex l-istatwa tal-Anġlu Kustodju timxi għall-Oratorju ta' San Ġużepp. Fil-preżent, l-istatwa tokkupa post fin-niċċa viċin il-bieb prinċipali tal-Knisja.

### Il-Konfraternità u l-istatwa tal-Anġlu Kustodju

Fost il-kappelli li nsibu fil-Knisja kien hemm ukoll dik tal-Anġlu Kustodju. Oriġinarjament insibu li din il-kappella kienet taqa' taħt id-dedikazzjoni tal-Madonna tas-Saħħa li tagħha kienet *juspatrunatus* il-familja nobbli Santa-Maura. Din id-dedikazzjoni tmur lura għas-sena 1726, preċiżament nhar il-15 ta' Ġunju, meta Stanisleo Santa-Marua kien ħalla legat ta' ħames lampieri tal-fidda biex jsebbħu l-artali li kienu jieħdu ħsiebhom il-Patrijiet Karmelitani. Fis-sena 1746, il-werrieta Rosa Micallef, talbet li l-pittura tal-Madonna tas-Saħħa titneħħa minn postha biex minn flokha jagħmlu pittura tal-Anġlu Kustodju. Sentejn wara, jiġifieri fis-sena 1748 twaqqfet l-Arċikonfraternità tal-Anġlu Kustodju. [8]

L-istatwa tal-Anġlu Kustodju ġiet esegwita minn Francesco Dimech[9] (1734-1786)[10]. L-ewwel attribuzzjoni ta' dan ix-xogħol hi minn ta' Sammut u hu attribwixxiha lil Vincenzo Dimech. Madankollu dokumenti nutarili jsemmu lil Francesco Dimech. Francesco Dimech, iben Sigismondo Dimech u ħu l-iskultur/statwarju Vincenzo Dimech, għandu xogħlu mifrux mal-gżejjer Maltin. Huwa ddokumentat li l-aħwa Dimech ħadmu għall-Kavallieri ta' San Ġwann kif ukoll għamlu bosta xogħlijiet artistiċi oħra fil-parroċċi Maltin fosthom f'Ħaż-Żebbuġ, Ħal Balzan u l-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara.

L-istatwa tal-Anglu Kustodju kienet ikkummissjonata mill-istess Fratellanza fil-1757[11]. Il-Fratellanza stmat li l-istatwa tiswa 70 skudi għall-iskultura u 50 skudi għall-induratura[12]. Dimech kellu jnaqqax l-istatwa fl-injam magħruf bħala *di Ponente*[13]. Barra minn hekk l-istatwa kellha tkun għolja daqs









Kull dettall u angolu, jixhdu maestrija kbira.

l-istatwa ta' San Mikiel fil-knisja ta' San Pawl fil-Belt Valletta[14].

L-istatwa turi l-figura protettiva tal-Anġlu Kustodju, wieqfa dritta f'pożizzjoni gwerriera waqt li qiegħed jdur f'kontrappost meralviljuż. L-Anġlu Protettur qiegħed jipponta b'idu l-leminja 'l fuq waqt li bl-oħra jżomm figura ċkejkna ta' tifel. L-Anġlu narawh liebes tunika, marbuta madwar qaddu, waqt li qed ttir marriħ. Bl-istess stil, naraw mantell ta' lewn ċelesti mitfuħ fuq l-idejn u l-ispallejn. L-attenzzjoni tad-devot mal-ewwel taqa' fuq id-detall irfinut mid-deheb li hemm fuq ħwejġu. Hawnhekk mal-ewwel hija ovja li l-iskutur kien bravu u ta' ħila kbira bi preċiżjoni u reqqa għad-detall. Il-figura tal-Anġlu Kustodju hija mmudellata sew b' espressjoni tal-wiċċ naturali. Il-figura tat-tifel tinsab fuq in-naħa xellugija tal-Anġlu. It-tifel jidher qed jħares 'il fuq bi ħiena waqt li qed jiġi mmexxi minn l-Anġlu. Mill-eżukazzjoni tat-tifel, l-iskultur jagħtina konferma kemm kien kapaċi jirrendi l-figura umani daqshekk natural u realistika.

Dawn iż-żewġ eżempji jagħtu togħma żgħira ta' kif kienet il-knisja l-qadima tal-Karmnu u kemm kienet rikka din il-knisja.

**Referenzi**

1 Il-Knisja il-Qadima tal-Karmnu taf il-bidu tagħha mis-ena 1570, meta l-Vigarju Provinċjal Fra Ġiovanni Vella flimkien mal- perit ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Gerolamu Cassar iffirmaw il-kuntratt ta' biċċa art fil-belt il-ġdida biex fuqha jinbena l-kunvent u l-Knisja. Din il-Knisja baqgħet wiefqa sas-sena 1958, għalkemm wieħed jrid jżomm ġo moħħu li l-knisja kienet soffriet ħafna tbiddiel arkitettoniku. Wieħed jista' jasal biex jikkonkludi li ftit li xejn kien għad fadal mill-knisja li kien beda Ġerolamu Cassar.

2 Arkivju tal-Kunvent tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta Cab. A., f. 257.

3 Arkivju tal-Kunvent tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta Cab. A., f. 281.

4 Arkivju tal-Kunvent tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta, Lib. I ann. Conf. S. Gius, p. 159.

5 Arkivju tal-Kunvet tal-Madonna tal-Kmarnu, Valletta, Programm tal-Festa, 1997, pp. 7.15.

6 Arkivju tal-Kunvent tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta, Lib. I ann. Conf. S. Giuseppe, pp. 138-145.

7 Arkivju tal-Kunvent tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta, Libro del Prop V., p. 174.

8 Arkivju tal-Kunvent tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta Cab. A., f. 275 r-v, 294 r-v.

9 L-ewwel attribuzzjoni ta'din il-biċċa x-xogħol kien minn Sammut u hu attributi li Vincenzo Dimech. Madankollu dokumenti notarili li jmorru lura għal meta l-istatwa ġiet ikkummissjonata tippontaw għall Francesco Dimech.

10 Notaral Archives Valletta, Notary A. Zerefa, R 509/50, ff. 1105-1107. Debono, *L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-1871 u ta' l-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi Tagħhom, 2006*, pp. 39-41.

11 Fit-13 ta' Jannar 1757, membri mill-Konfraternità għamlu kuntratt fejn jiddikkrajra li *"...di sua libera volontà promette,"* saint. Notorial Archives Valletta, Notary A. Zerefa, R 509/50, ff. 1105-1107 . Debono, *L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-1871 u ta' l-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi Tagħhom, 2006*, p. 41.

12 Notaral Archives Valletta, Notary A. Zerefa, R 509/50, ff. 1105-1107 ,Debono, *L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-1871 u ta' l-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi Tagħhom, 2006*, pp. 39-41.

13 *"...la statua di ditto Angelo Custode, e suo puttino dovvran esser di legname di Ponente, il piedestallo, e bradella di tovalo roscie, e le aste di detta statua doccran esser di fago..."* Notaral Archives Valletta, Notary A. Zerefa, R 509/50, ff. 1105-1107 Debono, *L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-1871 u ta' l-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi Tagħhom, 2006*, pp. 39-41.

14 *"... di dovera far scolpire una statua di legname iun onor di detto Santo Angelo Custode, con un puttino pure di legname d'altezza competente, quale serviva per le processioni da farsi dalli Confratelli sivè Consodali li detta Sodalità, d'altezza simile à quella statua, ò sia figura di San Michele Arcangelo delli confratelli di detto Arcangelo Michele eretta nella Collegiata Chiesa di San Paolo della Valletta, con suo piedestallo, bradella, ed aste simili parimenti d'altezza, e larghezza à detta vara, ò sia statua dell'Arcangelo Michele..."* Notaral Archives Valletta, Notary A. Zerefa, R 509/50, ff. 1105-1107 ,Debono, *L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-1871 u ta' l-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi Tagħhom, 2006*, pp. 39-41.




F. Zammit & Sons
FLORIST

The Flower Kiosk

Republic Street, Valletta
Tel/Fax: 2123 8324